Apprezzament

# Dennis Charles Bennett 1943-2016

*Minn Pawlu Azzopardi*

Sebaħ l-għoxrin jum tas-sena l-ġdida u ftit ftit bdiet tiġri l-aħbar li Dennis ħalliena. Dennis li tant ħabb u ħadem għall-każin ta' San Ġużepp mar fil-post fejn kulħadd ikun mistrieħ. Is-soċjetà Ġużeppina tilfet wild li ħabba. Bħal kull ħaġa oħra ż-żmien biss għad jgħidilna.

Ir-Rumani kellhom frażi li tgħid: *De Mortis nil nisi bonum*, li tfisser *Għid biss it-tajjeb fuq il-mejtin.* Dan għaliex jekk tgħid xi ħaġa ħażina jew mhux veru l-mejjet ma jistax iqum u jirrispondik.

Nibda b'esperjenza li Dennis irrakkonta dan l-aħħar kif kien l-isptar u nżid ngħid li mhux lili biss qala. F'Novembru qalilna, meta kien qed jiġi rikoverat intilef minn sensih u ġie meħud mis-sala u ħaduh l-ITU. Huwa stqarr li ħassu qiegħed ġo mina twila u dawl kbir ġej lejh. Ikompli jgħid li ra l-istorja ta' ħajtu kollha b'kull dettall qisu fuq film u huwa ċert li miet u reġa' qam. Aktar tard staqsa lin-*nurses* u qalulu li ħasbu li kien miet. Beda jirrepeti li kien miet u ħass trankwillità kbira u meta ġie f'sensih xtaq li baqa' hemm. Haġ'oħra, qaluli li qabel ma' miet baqa' jitbaqbaq u jewden fuq il-każin.



Jum it-tieġ ta' Speranza Barbara ma' Bennett fl-1942

Fl-eqqel tat-tieni gwerra dinjija, Speranza Barbara iltaqgħet u żżewġet suldat Ingliż, li kien stazzjonat mal-*Hampshires*. Huma żżewġu fil-Knisja ta' Ħal Kirkop fid-29 ta' Novembru, 1942. F'Marzu tas-sena ta' wara, jiġifieri tliet xhur biss wara ż-żwieġ tagħhom, is-suldat Bennett kellu jħalli Malta għax ġie mgħajjat mar-reġiment tiegħu għal Sqallija.

Fl-għodwa tas-27 ta' Lulju, 1943 is-suldat Dennis Bennett safa' midrub serjament u ftit wara miet. Huwa ħalla lil għażiża tiegħu, Speranza b'tarbija ta ftit jiem. It-tifel twieled fit-18 ta' Lulju 1943 u missieru ma laħaqx rah.

It-tfajjel Dennis trabba b'għożża kbira minn ommu. Kien wild uniku allura jista' jagħti lok għal xi ftit fsied żejjed ukoll. Bħala armla u orfni tal-gwerra, huma kellhom il-benefiċċji kollha bħal kull ċittadin Brittaniku. Huwa attenda skola tal-Freres Bormla, iżda kif darba stqarr miegħi ma tantx kien ħerqan biex jitgħallem. Huwa iżjed kien jogħġbuh is-snajja u l-krafts. Iżjed kien iħossu kuntent u ferħan jiġri fil-beraħ tal-għelieqi u fil-bur tan-nanna b'xi trabokk .

Kellu namra waħda li hi dik tal-arti. Smajtu jgħidha kemm-il darba li l-ewwel statwa li ħadem fil-kartapesta kienet għal dar ġon-Nejder. Kien għad għandu xi ħmistax-il sena, u daħal għal din il- biċċa xogħol għax ħassu kunfidenti li jwettaqha. Din l-istatwa kienet ta' San Leonardu Abbati u kienet twila ftit inqas minn metru. Meta ġie biex iħallsu s-sid raha għolja u beda jgerger biex tagħhomlu. Dennis ikompli jirrakkonta li sidha seħitomlu għax il-flus li qala' minn din l-istatwa nefaqhom kollha tabib u speċjalista għax ħa riħ u ma setax jirpilja.

Ommu Speranza kienet akkanita ma' San Anard, u hu ġibed lejn dak il-partit. Iżda ġara, li darba wieħed li jiġi minn ommu keċċieh mill-każin ta' San Anard u qallu biex ma jersaqx iżjed. Kif jgħid huwa, qatt iżjed ma rifes l-għatba tal-każin tagħhom. Sieħbu Iżakk Grech kien qallu, "tinkwetax, imxi miegħi l-każin ta' San Ġużepp." Iz-ziju t'ommu, Pawlu Falzon, *iż-żanglu* (ħu nanntu Ċikka) li kien akkanit ħafna, kif rah hemm ħatfu f'idejh u ra li jiġi milqugħ. Hemmhekk ġie milqugħ bil-kbir. Salvu s-Surmast li kien president

# Xogħol fin ta' disinni fil-landa, qtugħ, immartellar u twaħħil għal sett pilandri ġodda









Iż-żgħażagħ miġburin jaħdmu taħt id-direzzjoni ta' Dennis

# Dekorazzjonijiet fl-intrata tal-Każin



Il-pittura tas-saqaf mill-artist Adonai Camilleri Cauchi



Arzelli, rużuni u ġilju xogħol Dennis




Xogħol ta' skultura fil-ġebel għall-faċċata u ġewwa tal-Każin

## Xogħol Dennis megħjun minn partitarji oħra

# 1976 –
# Dennis ġie mill-Ingilterra għall-vaganza



Hawn jidher fil-marċ ta' nofsinhar u ma' sħabu






Wara tidher l-emblema tal-ajklieri li kien pitter huwa stess fl-1968

kien iħobbu qisu ibnu, u aktar tard Ġużeppi Falzon (li kien jiġi kuġin ta' ommu) laħaq segretarju u kien iħalli lil Dennis jagħmel dak li joħlom. Ra fih it-talent tal-arti u kien jinkoraġġih. Issa qed nitkellmu għall-bidu tas-snin sittin. Tant laqawh li l-kumitat tah iċ-ċavetta tal-bieb ta' barra tal-każin u Dennis għamel il-każin it-tieni dar tiegħu.

Fl-1963-64, Dennis beda l-ewwel biċċa xogħol tiegħu fil-każin billi rranġa u attrezza kappella sabiħa. Meta kienet lesta kulħadd stgħaġeb bil-ħila li kellu għal kull materja, xogħol fil-landa, injam, ġibs u affarijiet oħra. Biex ikopri l-ispejjeż kien jagħmel inkwadri tal-ħġieġ u fidda, li kien jagħmel mill-bidu sal-aħħar hu stess, u jtellagħhom lotterija kull ġimgħa. Niftakarhom sew dawn l-inkwadri li kien jagħmel, fosthom '*God Bless Our Home*,' jew għasafar u fjuri. Kienu oriġinali ħafna u l-partitarji kienu jfittxuhom ukoll. Ftit snin wara twebbel li jintefa' fuq l-armar tat-triq tal-każin u dak tal-misraħ. Dawk iż-żminijiet ma kellniex dan l-armar tal-lum għax il-festi sekondarji kienu ikkontrollati kemm u fejn jarmaw. Ġabar numru ta' ġuvintur miegħu u mmexxijin minn Dennis dawn ħadmu forom tal-lastiku għall-kartapesta (gazzetti mqattgħin żgħar u mxarbin fl-ilma, wara jiġu ippressati fil-forom) u biddel l-emblemi tal-kolonni u t-trofew imsemmija. Dawn il-kolonni u trofew ħadu libsa ġdida u l-każin reġa' beda jieħu l-ħajja. Il-pass li jmiss kien il-pilandri, xi ħaġa ġdida u nnovattiva għan-naħat tagħna. Ġabar kemm felaħ landi u ż-żgħażagħ inġabru ma' Dennis, ifasslu, iqattgħu, u jimmartellaw il-weraq. Huwa ħareġ bl-idea tal-globi u ra kif ġabar il-flus biex jinxtraw.

Fis-sena 1968 ra kif għamel u attrezza l-ewwel kamra kif tidħol fuq ix-xellug f'salott u pitter ajkla biż-żebgħa kbira li tirrappreżenta l-ajklieri. Ftit




wara li lesta din il-biċċa xogħol ħass li jemigra lejn l-Ingilterra. Bħala apprezzament tax-xogħol fejjiedi li kien għamel, il-President Salvu Spiteri f'isem is-soċi irregalalu arloġġ tal-idejn li naf li Dennis baqa' jgħożż sa ma' għalaq għajnejh.

L-Ingillterra sab xogħol fiss u xtara dar fi *Stamford*. Id-delizzju tal-arti ma telqux għax fil-ħin liberu tiegħu kien jara kif ser iżejjen din id-dar. Ħadem kollox waħdu u sal-linef bil-weraq ħadem. Lili kien urini ritratti ta' dan ix-xogħol sabiħ li kien għamel. Fi *Stamford* ukoll Dennis ra li jagħti l-ħajja lill-Milied u bena presepju mekkanizzat li kien anke deher fil-programm popolari mat-tfal Ingliżi *Blue Peter*. Kien jiddeletta bit-tpinġija taż-żebgħa biż-żejt, u daħal f'kompetizzjoni u kien ġie l-ewwel b'kopja tar-*Red Boy*, kapolavur ta' Sir Thomas Lawrence (1769–1830). Minn żmien għal żmien Dennis pinġa nkwadri u uża diversi *media*.



*He built Nativity scene*

*CHRISTMAS just was not the same for Dennis Bennett when he left his native Malta and moved to Stamford.*

*So Mr Bennett, of 67 High Street St Martins, built himself a mobile Nativity scene to put a little more spirit into the British Christmas.*

*Palm trees sway, the Three Kings bow to the Baby Jesus, and sheep move their heads as if to graze — on the electrically operated model.*

*"I decided to build the model because Christmas in this country is so dead. Everywhere is shut up," he said.*

*"I wanted to make more of a Christmas spirit in my house," said bachelor Mr Bennett.*

*The metal and papier mache model took six months and £80 to build in Mr Bennett's basement workshop.*

*The model also features a windmill and stream. And just for more effect, piped Christmas carols can be played through a speaker built into the model.*

*Now the model may be featured on the popular children's TV programme "Blue Peter".*

*"If the model is on television maybe more people will get into the Christmas mood," said Mr Bennett (pictured here).*

*Mercury photo: [illegible]*

**Cutting minn gazzetta Ingliża meta Dennis bena presepju mekkaniku u artistiku**

Fl-1975 żanżanna l-bradella l-ġdida u s-sena ta' wara Dennis ġie għal btala fil-jiem tal-festi ta' San Ġużepp. Huwa baqa' mbellaħ bl-entużjażmu u l-ferneżija tal-partitarji. Ma setax jibqa' l-Ingilterra għax kien kuljum jaħseb fuq raħal twelidu u l-festa ta' San Ġużepp. Qalbu ma ħallitux jistrieħ u beda jaħseb li jbiegħ kollox u jerġa' jiġi Malta.

Dennis reġa' ġie lura lejn Malta fl-1977 u mill-ewwel medd għonqu għax-xogħol. Ħaseb għal sett pilandri li jikkumplimentaw il-kolonni ġodda għal Triq il-Kbira. Dawn il-pilandri tlestew f'sitt xhur għax is-sena ta' wara kienu se jsiru festi ċentinarji biex ifakkru t-twaqqif tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, ġewwa Ħal Kirkop fl-1878. Saret ġimgħa festi u l-qofol kien fil-jum tal-1 ta' Ġunju, 1978 bil-preżenza tal-ET il-President tar-Repubblika Dr Anton Buttiġieġ u tal-ET l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Dan il-jum jibqa' mnaqqax fi qlub il-Ġużeppini kollha li ħadu sehem u għadhom ħajjin. Il-President ta' Malta fetaħ uffiċjalment it-triq u xegħel il-pilandri waqt li l-Arċisqof bierek it-triq.

Fl-1984, fl-okkażjoni għall-festi ċentinarji tal-wasla tal-istatwa artistika u devota ta' San Ġużepp minn Marsilja, Dennis, Toni Theuma l-President u xi partitarji nisa ħasbu biex jiġbru għall-induratura tal-istatwa għand il-bravu Horace Farrugia tal-Imdina. Għal din l-istess okkażjoni Dennis u oħrajn ħasbu biex jiġbru u jirregalaw par sandli tad-deheb għal riglejn it-tfajjel Bambin u San Ġużepp.



**Sena ċentinarja tal-wasla fostna tal-istatwa ta' San Ġużepp. Dennis Bennett, Horace Farrugia l-induratur, l-E.T. Il-President tar-Repubblika Agatha Barbara, Raymond Grech li ħadem is-sandlijiet tad-deheb għall-istatwa u Pawlu Azzopardi s-segretarju organizzattiv tal-festi ċentinarji**



Fit-tmeninijiet tas-seklu l-ieħor, il-każin għadda minn taqlib kbir. Fl-1985 inxtara l-każin u Dennis ħa f'idejh it-tfassil tal-pjanti mal-perit Ninu Zammit. Dennis ried li jagħmel it-taraġ raġġ suspendut u rpożat biex jagħti dehra maejstuża. Forsi kien hemm



**Dennis mar-replika tal-istatwa tal-profeta Abram. Xogħol fil-kartapesta li ħadem fl-1992**

min ma qabilx ma' din l-idea, imma Dennis dejjem kellu f'moħħu li l-każin ikun qisu palazz u mhux dar kwalunkwe.

Matul dawn is-snin ta' twaqqih u bini tal-każin Dennis ma qagħadx b'idejh fuq żaqqu. Kien l-ors tiegħu li jfassal f'moħħu jagħmlu b'idejh. Sintendi kellu s-soċi jgħinuh u jinkoraġġuh għal dan ix-xogħol. Biżżejjed wieħed isemmi, il-lavur u l-iskultura tal-faċċata. Ajkla fil-gallerija, strumenti tal-banda u girlanda. Attrezza l-intrata bl-arzelli u ružun ċentru inkurunat bil-ġilju, simbolu tas-safa ta' San Ġużepp. Int u tiela t-taraġ, fil-pjan issib quddiemek ajkla oħra maestuża skolpita fil-franka. Dawn huma wħud mix-xogħlijiet li ħalla warajh Dennis Bennet. Dennis kien ikun minn tal-ewwel biex iġib *sponsors* għal dak li kellu bżonn il-każin.

Fl-1993, ġiegħel lil Ġużeppi Falzon il-*basla* jibni pedestal għal ġol-pjazza tal-Knisja. Dennis iddisinjalu dan il-pedestal u Ġużeppi qallu "jien nagħmlu!" Dennis mill-ewwel ħareġ jiġbor għal din l-opra u fi żmien sena kien kważi lest. B'xorti ħażina, Ġużeppi Falzon ma laħaqx ra din l-opra titlesta għax imbaram fi ftit jiem. Dennis ħaseb għall-iskultura fit-tafal biex



Sett trofej oriġinali maħdum mis-sezzjoni tal-armar fuq disinn ta' Dennis. Skultura u forom xogħol Dennis



8 ta' Lulju 2002 – Inawgurazzjoni tan-niċċa mill-E.T. il-President tar-Repubblika, Dr Guido Demarco

imbagħad isiru tal-*fibre*. Ħafna żagħżagħ u partitarji Ġużeppini għenu lil Dennis f'din l-opra hekk sabiħa. Lanqas laħaq lesta dan il-pedestal li ma rax kif għamel u beda sett ta' kolonni fuq disinn tiegħu għat-triq tal-każin.

Fl-2002, Dennis beda x-xogħol fuq in-niċċa ta' San Ġużepp, ġewwa l-każin. Huwa kien il-moħħ li fassal din in-niċċa fuq il-pjanti tal-każin u għalhekk ried li jaraha mwettqa. Sab *sponsor* - lil partitarju Josef Borg, u beda ħidmietu fuq din in-niċċa. Meta tlestiet ġie mistieden l-ET il-President tar-Repubblika Dr. Gwido Demarco biex jinawgurha. Saru festi sbieh tal-okkażjoni.

Fil-bidu ta' dawn iż-żewġ kelmiet għidt li wieħed għandu jimxi fuq l-għerf tar-Rumani u jgħid dak li hu tajjeb biss fuq il-mejtin. Imma nħoss li nkun qed ngħatti x-xemx bl-għarbiel u nidħak bil-qarrejja jekk ma nsemmix il-fatt li fl-aħħar snin Dennis għadda minn martirju minħabba problemi, fosthom il-każin. Wieħed jista' wkoll jirrimarka li Dennis kellu temperament kemxejn diffiċli u rasu iebsa.

Forsi hija l-ironija tal-ħajja li minħabba r-ras iebsa li kellu u rjus iebsa oħra fl-aħħar snin ta' ħajtu, inqala disgwid bejnu u l-kumitat. Kienu diversi l-fatturi li ħarbtu l-armonija li kienet teżisti u huwa ħadha bi kbira wisq. Jien li kien jaqsam miegħi d-dwejjaq tiegħu nista' llum ngħid li baqa' sal-aħħar iħobb lil San Ġużepp u s-soċjetà.

Fl-aħħar jiem kien moħħu jberren biex iġib il-permessi għal statwa ta' San Ġużepp tal-ġebel għall-pjazza. Qalli nħallas kollox jien, u meta għedtlu li kienet xi ħaġa kważi impossibbli qalli mela nixtri biċċa deheb bħalma ġa xtrajt għall-istatwa ta' San Ġużepp. Iż-żmien bħal kien kontrih għax ma tahx iċ-ċans li jwettaq l-aħħar ħolma li xtaq.

Naħseb li impossibbli nsemmi dak kollu li għamel Dennis għall-każin u s-soċjetà Ġużeppina. Żgur li dan l-apprezzament ma jagħmilx ġustizzja ma' Dennis għax naf li nsejt ħafna affarijiet li hu kien imdaħħal fihom. Huwa kemxejn diffiċli li tqis u tikwantifika l-ġid li Dennis għamel lis-soċjetà tagħna.

Ta' dan grazzi.

**San Ġużepp, Missier Putattiv ta' Ġesù, Għarus Kastissimu ta' Marija Verġni, itlob għalina u għall-agonizzanti ta' dan il-jum/lejl.**

# Dennis jaħdem fuq il-pedestall maestuż u fuq l-istatwa ta' San Ġużepp







Xogħol ta' karpenterija ta' Ġużeppi Falzon, il-"Basla" u ornamenti u dekorazzjonijiet ta' Dennis.

# Tiżjin tal-faċċata u t-triq tal-Każin








Għal diversi snin it-triq mixgħela għall-Milied.
Irbaħna diversi unuri b'dan it-tiżjin.

# Dennis għal diversi snin membru fil-Kumitat Ċentrali



1978



1986



1993

# L-Aħħar Tislima lil Dennis Bennett





L-Istatwa ta' San Ġużepp għaddejja fil-Purċissjoni minn quddiem l-istawa tal-kartapesta li kien ħadem Dennis.

